VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,310, 16 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 326 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) Ir-regolament 3 għandu japplika mis-sena akkademika 2014/15 'il quddiem.

(2) Ir-regolament 4 għandu japplika mill-1 ta' Mejju, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fi kwalunkwe sena akkademika, l-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni supplimentari f'Settembru tal-istess sena."

L-Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. Meta student jirtira mill-Kors b'għażla tiegħu jew għax ma jkunx eliġibbli biex jipproċedi aktar skont dawn ir-regolamenti, l-istudent jista' jitlob biex jingħata:

(a) is-Certificate in General Studies (Cert. Gen. St.) jekk mill-anqas 60 krettu ECTS ikunu nkisbu; jew
(b) id-Diploma in General Studies (Dip. Gen. St.) jekk mill-anqas 120 krettu ECTS ikunu nkisbu; jew
(ċ) il-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.) jekk mill-anqas 180 krettu ECTS ikunu nkisbu."